MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2809/2002

**George Casha**
**vs**

**Julie Ciantar u Saviour Deguara**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-26 ta’ Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600.00), sabiex min mill-konvenuti ihallas lill-attur l-ammont imsemmi spejjez u dan kagunati fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABE tat-tip Isuzu Gemini nhar is-6 ta’ April, 2002, fi triq Regjonali, konsegwenza tal-fatt illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAT-837 tat-tip Pajero Mitsubishi, misjuqa minn Saviour Deguara izda proprjeta` ta’ Julie Ciantar, dahlet fuq wara tal-vettura proprjeta` ta’ l-attur ghall-liema incident jahtu l-konvenut jew min minnhom u dan minhabba nuqqas ta’ attenzjoni, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joe Sammut li kkonfemra l-kontenut ta' l-avviz u li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni bejn il-vettura ta' l-attur, u dik misjuqa minn Julie Ciantar izda propjeta` ta' Saviour Deguara. L-incident gara fis-6 t'April, 2002.**

**2. Jibda biex jinghad li definitivament l-konvenut Saviour Deguara ma ghandu ebda locus standi f'din il-kawza, ghax ma jistax jinsab hati ta' ebda nuqqas li kkawza l-kollizzjoni.**

**3. Dwar l-incident, gara li l-konvenuta baqghet diehla minn wara fil-vettura ta' l-attur, waqt li l-vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni u dana kif jirrizulta mill »front to rear form » esebita. Ghalhekk ma hemmx dubbju li ghall-incident kienet tahti unikament il-konvenuta Julie Ciantar.**

**4. Id-danni gew konfermati li huma dawk indikati fl-avviz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jillibera lill-konvenut Saviour Deguara mill-osservanza tal-gundizzju, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenuta Julie Ciantar, u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddikjara lill-konvenuta Julie Ciantar unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannha thallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Julie Ciantar, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Saviour Deguara li ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------